# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 26 ta' Settembru 2001**

**Avviz. numru 649/01**

**Numru 33**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Vince Abdilla**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm284.37,0 (mitejn u erba' u tmenin Lira u seba' u tletin centezmu), mill-konvenut lis-socjeta attrici dovuta in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 674793, (C/n 327033) kif jirrizulta mill-prospett anness mal-avviz u mmarkat Dok A, liema servizz gie stallat fil-fond 53, Church Avenue, Paola fuq rikjesta tal-konvenut u dan kif jirrizulta mis-"service agreement", anness mal-avviz u mmarkat Dok B.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Ottubru 1998 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-atti a fol 2 u fol 3, markati Dok A u Dok B.

Semghet lill-konvenut personalment jammetti l-istess talba attrici kif rrisultanti mill-verbal tas-seduta tallum stess.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm284.37,0 bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Ottubru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Ottubru 1998.

Alan Calleja
Dep.Reg